Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 182 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Francis Formosa

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Francis Formosa detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 409470 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 t' Ottubru, 2009 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda :

a. ircevew minghand xi hadd iehor jew kisbu minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilhom jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

b. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bl-imgieba taghhom, ikkagunaw lil haddiehor biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kontra Francis Formosa wahdu talli:

a) wettaq reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti ta' Malta fl-4 ta' Dicembru, 2008;

b) kiser il-kondizzjoni li biha kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett snin minn sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta fl-24 ta' Settembru, 2009, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

c) sar recidiv ghat-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b' diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat / i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti ghal dak li jirrigwardja lill-imputat *Omissis* r-reat ta' usura certament mhux pruvat anzi jinsab ghal kollox eskluz mix-xhieda tal-kwerelant. Rigward l-offiza ai termini tal-Artikolu 251 B tal-Kap 9 (il-biza li ser tintuza vjolenza) lanqas din ma tissusisti billi mhux konsoni max-xhieda tal-kwerelant li ghandha, fattizzji tal-fastidju li f' kull kaz huwa reat distint u separat.

Ghal dak li jirrigwardja lill-imputat *Omissis* hija l-fehma ta' din il-Qorti li ghandu jinstab hati, izda, biss, taht l-Artikolu 298 C (1) tal-Kap 9 li jikkontempla l-uzurja. Mill-bqija l-offizi kontra tieghu ma jirrisultawx senjatament ghaliex il-provi dwarhom ma ngabux. Fil-konfront tal-uzurja, pero', dina tinsab pruvata u xejn ma jista jiggova lill-imputat jekk kellux jmur jissellifhom minghand haddiehor biex 'jaqdi' lill-kwerelant, fattur, li irrispettivament jekk huwiex veru jew le, m'ghandu l-ebda riflessjoni fuq il-htija Apparti dan l-Qorti qeghdha tqis ix-xhieda tieghu inverosimili u priva mill-kredibilita'

Ghaldaqstant: illiberat lill-imputat *Omissis* mir-reati kollha migjuba kontra tieghu stante li ma jirrisultawx; sabet lill-imputat Francis Formosa hati tal-akkuza enumerata (a) jigifieri ta' uzurija. Rat l-Artikolu 298 C (1) tal-Kap 9 u ikkundannat tmintax il-xahar priguneria u multa ta' tlett t' elef euro (€3000) pagabbli minnufih altrimenti konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francis Formosa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, tirriforma s-sentenza appellata billi, (i) Tikkonfermha fil-parti fejn sabet lil appellant mhux hati tall-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, u cjoe', fit-tieni imputazzjoni Art.251 B (1), u, (ii) thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati u cjoe' fl-ewwel imputazzjoni [art. 298 C (1) tal-Kap 9] u kwindi tilliberah skond il-Ligi minn din l-imputazzjoni, htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha fil-parti ta` piena u cjoe l-ewwel imputazzjoni moghtija u tinfliggi piena iktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti:

Illi primarjament, l-appellant qed jibbaza l-aggravvji tieghu abbazi illi kif gia stqarr a tempo vergine mal-istqarrija tieghu waqt l-investigazzjoni, kif wkoll fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, dan l-indhiel li ghamel huwa stess sabiex jintervjeni u John Debono kien misluf ammont ta` flus, sehh minhabba li minhabba li it-tnejn li huma cjoe Debono u Formosa ossia l-appellant kienu jafu l-xulxin [it-tnejn minn Birkirkara] kif wkoll illi Debono kien maghruf illi jibni fil-kostruzzjoni appartamenti fl-inhawi tal-Qawra/Bugibba. Kien Debono stess illi beda jilmenta li kellu bzonn self meta kien hdejn Omar Caruana sid il-fond Zigumar gewwa l-Qawra kif jirrizulta mix-xhieda tal-appellant innifsu u Caruana;

Illi ghalkemm huwa minnu illi l-Artikolu 298 C (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, jipprovdi illi *"ircevew minn ghand haddiehor jew kissbu minn ghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilhom jew ohrajn.."* dan il-Ligi penali stess huwa punibbli, hawn si tratta ta` <u>sensar</u> jew *middleman* fejn l-appellant intervjena sabiex qeda lil allegata vittma tal-uzura Debono.

L-Ewwel Onorabbli Qorti, applikat il-piena massima taghha li l-art. 298 C (1) tal-Kap 9 jipprovdi, u cjoe, tmintax il-xhar prigunerija, kif wkoll ikkundannat lil appellant jhallas 3000 euro. Il-multa ta` 3000 euro mhiex fil-massima kapacita li jipprovdi l-istess artikolu 298 C (1), izda il-piena karcerarja hija fil-massima taghha. Illi dan huwa aggravju illi jimmerita konsiderazzjoni profonda stante illi, l-appellant <u>*ma nstabx hati*</u> li huwa recediv kif dedott fl-akkuzi migjuba mill-prosekuzzjoni, tant li kien akkuzat illi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza kif wkoll illi kiser il-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor b 'sentenza li saret definittiva u ma jistawx jinbidlu;

Jsegwi illi meta konsiderando illi l-appellant mall-ewwel stqarr il-versjoni tieghu u li baqa jikkonfermha meta xhed minn jeddu u ikkollaborata minn xhud prodott mid-difiza, ergo, Omar Caruana, allura ftit jibqa dubbju illi l-allegata vittma Debono, fill-fatt kienet debitura appuntu ma' Brincat u cjoe l-Gojja kif inhu maghruf ahjar kif wkoll ma certu Renzo Borg. Fill-fatt fis-sentenza appellata, ebda referenza ghall imputazzjonijiet dwar recediva fil-konfront tall-appellant ma saret, izda hija limitata

ghall liberatorja fuq it-tieni imputazzjoni u cjoe, l-artikolu 251 B (1) filwaqt li sabet htija fuq l-ewwel imputazzjoni u cjoe' 298 C (1) tal-Kap 9 tall-Ligijiet ta` Malta;

Fil-kawza *P vs Mario Gauci et* [deciza 23/05/2016 per Mag. Drs D. Clarke], insibu kif ammonti konsiderevoli li jammontaw ghal izjed minn 200,000 Ewro kienu mislufa b'uzura u nvoluti permezz ta` cirku ta` usurai kollha imputati, liema imputati instabu hatja, u kienu ikkundannati erba (4) xhur prigunerija u multati 4000 euro kull wiehed salv imputat li kien immultat 5000 ewro. <u>Ebda appell</u> ma kien intavolat mill-Avukat Generali dwar din is-sentenza. Hawnhekk l-aggravju huwa ragonat billi, filwaqt li l-appellant odjern ma nstabx hati tall-akkuzi li wettaq reat waqt perjodu operattiv ta` sentenza sospiza, kif wkoll li wettaq reat meta kien waqt perjodu tal-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor, huwa inghata l-massimu prigunerija li l-art. 298 C (1) tall-Kap 9!

Illi aggravju iehor mressaq huwa sabiex anka jekk waqt li l-appell sucitat normalment mhux permess illi appellant jressaq xhud/xhieda, hawnhekk trattandosi tall-veracita` li l-appellant dejjem stqarr, ikun fl-ahjar interess tal-Gustizzja illi waqt jew pre-trattazzjoni jinstema jerga John Debono, ossia l-allegat vittma fuq il-kaz appellat.

Dan abbazi illi Debono jikkonferma brani kif sehhew u cjoe illi huwa kien konxjament mgharraf illi kredituri tieghu kienu Brincat k/a Gojja u Renzo Borg [illum mejjet], kif wkoll l-Qorti tikkollabora fl-apprezzament taghha xhieda mghotija mill-appellant u Omar Caruana gia xhedu fl-Ewwel Qorti. Dan huwa permessibbli skond sentenza, fl-ismijiet *P vs Eddie sive Edward Micallef* [Appelli Kriminali, 24/05/1995 per V. Caruana Colombo], fejn gie ritenut illi l-artikolu 424 tal-Kap 9, qatt ma kien intiz illi jillimita l-poter ta' Qorti ta` l-Appell li tordna l-produzzjoni ta` kwalunkwe xhud meta jidrilha li jkun fl-ahjar interess tall-gustizzja li ordni simili jigi moghti.

Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti li ma tatx affidament lill-appellanti meta huwa

ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda. Imbaghad subordinatament ighaddi biex jikkritika il-piena erogata mil-Ewwel Qorti bhala wahda harxa izzejjed tenut kont illi huwa gie illiberat mil-addebitu tar-recidiva.

Illi jibda biex jinghad illi "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa l-appellanti gie misjub hati biss ta'l-ewwel akkuza lilu addebitata u cioe' dik dwar l-uzura, reat li gie introdott fil-legislazzjoni penali taghna permezz ta'l-Att III ta'l-2002 bl-artikolu 298C li jipprovdi hekk:
***Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati…."***

Illi dan ir-reat gie ifformulat fuq l-artikolu 644 tal-Codice Penale Taljan ghalkemm il-kliem adoperat mill-legislatur malti mhuwiex identiku ghal dak l-artikolu tal-ligi[2], liema disposizzjoni tal-ligi taljana sussegwentement giet emendata.

Dan ifisser allura illi *"l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna hu li dak li jkun jikseb weghda li jinghataw b' korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi. Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1139 tal-Kodici*

---

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008
[2] 644, 1° "si ha quando taluno si fa dare o promettere, sotto qualsiasi forma, per se' o per altri, in corrispettivo di una prestazione di denaro o di altra utilita', interessi o altri vantaggi usurari."

*Civili li jipprovdi ghal rata ta' 8%. Hemm umbaghad l-artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina.*[3]"

Mela allura b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament u dak li tipprovdi il-ligi jirrizulta illi l-konsumazzjoni tar-reat isehh hekk kif issir il-weghda li jithallas imghax oghla minn dak permess bil-ligi. Ighid hekk il-gurista Francesco Antolisei:

*"La consumazione si verifica nel momento in cui gli interessi o vantaggi usurari sono dati o semplicemente promessi, e cioe' nel momento della patuazione."*

Il-gurista ikompli ighid illi huwa tal-fehma illi dan ir-reat ghalkemm wiehed istantanju (u mhux reat permanenti) madanakollu ghandu effetti permanenti u dan tul iz-zmien meta isiru il-hlasijiet relattivi tal-imghaxijiet in esekuzzjoni tal-patt uzurarju bil-konsumazzjoni ta'l-istess izda issehh mal-mument tal-kontrattazzjoni illecita.

Ikompli dwar l-element formali tar-reat:

*"Il dolo e' costituito dalla volonta di farsi dare o promettere determinati interessi o vantaggi che superano il limite legale, con la coscienza ... che gli interessi o altri vantaggi o compensi sono sproporzionati rispetto alla propria prestazione ..*[4]*"*

Mela allura dak illi irid jirrizulta mill-provi huwa qabel xejn dan il-ftehim ta' self bejn l-vittma u l-awtur tad-delitt, bil-konsapevolezza tal-awtur illi qed jintalab imghax jew qliegh in eccess minn dak permess fil-ligi.

***"Kull ma hu mehtieg hu li l-mutwant jkun konsapevli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imghax jew qliegh iehor li jkun in eccess ghal dak permess mill-ligi. Evidenza ta' din l-intenzjoni tista' tigi prezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv....***

---

[3] App.Krim.Inf. Il-Pulizija vs George Xuereb – deciza 15/01/2009

[4] Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale I (2016)

***Lanqas ma hu mehtieg li jigi pruvat li jkun il-mutwant li jkun ghamel xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidhol ghal dak is-self abuziv. Bizzejjed li jkun hemm l-accettazzjoni tat-tnejn.***[5]"

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet legali u gurispridenzjali u ezaminati l-atti probatorji mill-gdid, din il-Qorti tistqarr minnufih li ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta'l-apprezzament tal-provi maghmul minnha. Dan ghaliex x-xhieda moghtija mill-parti leza hija wahda cara meta ighid illi l-ftheim ta' self sar direttament ma'l-appellanti u mhux ma' terzi fejn fuq iz-zewg ammonti mghoddija lilu minn Formosa ta' €3500 u €4000 fi spazju ta' xahrejn huwa accetta dawn il-flus bil-ftehim illi ihallas bhala imghax fuq dan il-kapital is-somma ta' €1000 fix-xahar. F'dan il-mument allura sehh il-konsumazzjoni tar-reat bl-awtur tar-reat jkun l-appellanti u il-vittma John Debono li isellef dawn il-flejjes. Fil-fatt Debono ighid illi sa sena wara dan is-self jikkalkula illi kien hallas lura lil Formosa s-somma ta' €17000. Mhux biss izda wara dan l-appellanti infurmah illi kien baqalu ihallas €20000 ohra! Fl-atti hemm esebiet rendikont tal-pagamenti maghula mill-parti leza lill-appellanti li jindika fid-dettal il-hlasijiet li saru. Minn dan ir-rendikont jirrizulta illi xahar wara li sar l-ewwel pagament ta' €3500 Debono kien hallas lil Formosa €1000. Dan il-pagament wahdu diga' jizboq ir-rata ta'l-imghax permess fil-ligi ta' 8%.

Issa l-appellanti kemm fl-istqarrija minnu rilaxxjata lil-pulizija kif ukoll meta jixhed fil-Qorti jistqarr illi ghalkemm huwa kien ghadda l-ewwel somma ta' €3000 lil Debono "bhala pjacir", (liema somma fixx-heida tieghu ighid li sellfithomlu ohtu) madanakollu s-somma l-ohra ta' €4500 ma kienx sellifhomlu hu. Jishaq illi huwa kien laqqghu ma' certu Renzo Borg minn Naxxar li kellu ihallas lil certu "Gojja" din is-somma ta' flus u dan Borg ittrasferixxa dan il-kreditu fuq Debono u ghaddielu s-somma ta' €4500. Formosa izda jishaq illi illi hu u Borg kienu qed ihallsu is-somma ta' €1000 fix-xahar lil dan "Gojja" bhala imghaxijiet, izda il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti dahal f'din l-istorja meta jallega illi l-flus la kienu tieghu u lanqas issellef

---

[5] App.Krim Il-Pulizija vs George Xuereb gja iccitata.

jew sellef dan l-ammont. Ighid izda, fl-istqarrija tieghu, illi meta Debono ghaddielu is-somma ta' €5000, huwa ha €3000 minnhom u €2000 ghaddiehom lil Renzo Borg. Sadanittant pero' jishaq illi baqa' ihallas lil Gojja €1000 fix-xahar ghal liema raguni ma huwiex car. Finalment ighid li kellu jissellef minn ghand terz li ma jindikax min hu biex jaqta' id-dejn mal-Gojja. Izda imbaghad jerga' jishaq illi peress illi Debono baqa' ma hallsux huwa kellu jerga' jissellef ammont ta' flus iehor minn ghand il-Gojja b'rata ta' imghax gholja. Ghalkemm jaqbel illi Debono hallsu hafna mill-flus indikati fir-rendikont ipprezentat minnu, jallega izda li dawn il-flus ma kenux ghalih, izda ghaddiehom lil persuna ohra, tant illi huwa spicca sofra telf.

Issa l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni fdata lilha bill-ligi ghazlet li tqies ix-xhieda ta'l-appellanti u il-verzjoni moghtija minnu dwar il-fatti allegati bhala wahda inverosimili u li m'ghandhiex mis-sewwa u dan bir-ragun billi huwa inspjegabbli kif l-appellanti ghazel li jissellef il-flus min ghand terzi li huwa jafhom bhala uzuraj u dan biex jaghmel pjacir lil Debono jew kif ighid hu ghaliex thassru! Illi fuq kollox l-Ewwel Qorti  kellha l-opportunita tezamina l-komportament tal-appellanti fuq il-pedana tax-xhieda u wasslet ghal konkluzjoni meta wiznet l-atti probatorji illi xortawahda issib ir-reita' fl-appellanti, decizjoni li din il-Qorti tikkondividi pjenament.

Illi allura huwa indubitat illi l-elementi mehtiega ghal konsumazzjoni tar-reat li jikkonsistu biss fit-talba ghall-imghax b'rata gholja u l-accettazzjoni da parti tal-vittma ghal dan il-ftehim, jirrizultaw ampjament ippruvati bl-appellanti ighaddi somma flus lil Debono bil-ftehim li huwa ihallsu r-rata ta' imghax ta' €1000 fix-xahar. Issa jekk l-appellanti ghogbu igib dawn il-flus minn ghand terz li ukoll kien qed jitolbu imghaxijiet gholjin hija ghal kollox immaterjali ghal fini tar-reita' billi kif inghad r-reat gie ikkunsmat hekk kif  gie pattwit ftehim uzuraj bejn l-awtur u il-vittma.

Illi l-appellanti subordinatament iressaq lanjanza ohra rigward l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti billi jishaq illi din hija in kwantu eccessiva tenut kont tal-fatt illi l-

Ewwel Qorti ingustament ghaddiet biex tinfliggi il-massimu tal-piena ta' prigunerija kif ukoll dik tal-multa. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*" u dank if jinsab insenjat mill-Blackstone.[6]

Issa l-piena stabbilita ghar-reat in dizamina hija dik tal-prigunerija ta' mhux aktar minn 18-il xahar **u** l-multa ta' bejn l-€2329.37 u €34,940.60. Illi allura l-piena erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri dettati fil-ligi. Fuq kollox il-ligi ma taghti l-ebda ghazla lill-gudikant bejn il-piena tal-prigunerija jew tal-multa billi t-tnejn ghandhom jigu inflitti flimkien tassattivament. Illi minn harsa lejn il-fedina penali ta'l-appellanti jirrizulta illi huwa diga' inghata diversi opportunitajiet mill-qrati sabiex jirriforma ruhu izda jidher illi huwa baqa' jippersisti fil-hajja tal-kriminalita'. Dan ifisser illi piena alternattiva ghak dik tal-prigunerija effettiva ma hijiex idonja ghal dan il-kaz. Din il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda mottiv li jista' iwassalha titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

Edwina Grima
Imhallef

[6] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005